# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru : 227/2020 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**RA**

**Vs**

**AA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RA datat 7 ta' Dicembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu l-24 ta' Gunju 2010 u miz-zwieg taghhom twieldu tliet ulied, K li twieled nhar X, E li twieled nhar Y u N li twieled f'Z;*

2. *Illi kif ser jigri ppruvat fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn minhabba eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza u anke adulterju flagranti kommess mill-konvenut fuq martu; b'konsegwenza ta' liema l-hajja konjugali ma baqghetx iktar possibbli;*

3. *Illi effettivament il-konvenut ma baqax jghix mal-esponenti f'Dicembru 2017 meta l-esponenti kienet ghadha tqila bl-iben N, filwaqt li kien jara lit-tfal sporadikament ghall-ahhar. Sussegwentement l-esponenti saret taf li dak iz-zmien zewgha kellu tifel iehor li jismu Adam, li dak iz-zmien kellu madwar sena minn mara ohra;*

4. *Illi kien biss wara l-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti meta gie likwidat il-manteniment ghat-tliet ulied, li l-konvenut beda jerfa' r-responsabbilita` finanzjarja tat-tliet uliedu minuri; u wara ghadd ta' xhur, huwa anke qabad u unilateralment irriduca l-manteniment dovut lill-martu ghat-tliet minuri tant li hija qieghda regolarment tintavola r-rapporti kriminali fil-konfront tieghu;*

5. *Illi l-partijiet ma setghu qatt jaslu fi ftehim bonarju stante li l-konvenut kwazi qatt ma attenda ghas-seduti ta' medjazzjoni u iktar minn hekk, huwa jippretendi li jkun hu li jiddetta x'manteniment ghandu jhallas ghat-tliet ulied minuri u dan nonostante l-ordni cara ta' din l-Onorabbli Qorti;*

6. *Illi ghalhekk il-partijiet ma setghu qatt jaslu ghall-ftehim u fil-fatt l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat b'digriet tas-sebgha ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (07/10/2020);*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza u anke adulterju kommessi mill-konvenut fuq martu; liema fatti rrendew il-hajja konjugali impossibbli u konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimmedjabbilment;*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tat-tliet ulied minuri esklussivament f'idejn ir-rikorrenti Omm, b'dana illi l-Minuri jkomplu jirrisjedu mal-Omm li tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-konvenut;*

3. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess jghalqu t-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas*

*il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha, t'edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari tal-istess minuri;*

4. *Tiffissa manteniment ghall-esponenti skond l-bzonnijiet taghha; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;*

5. *Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

6. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;*

7. *Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

8. *Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess rikorrenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;*

9. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;*

10. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra l-eventwali sentenza ta' separazzjoni fir-registru pubbliku;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-digriet taghha datat 13 ta' Ottubru 2021, vide fol 39 et seqq, li permezz tieghu, l-intimat ma ggustifikax it-talba tieghu ghal kontumacja;

Rat illi l-intimat huwa kontumaci;

Rat il-fakolta' moghtija lill-intimat sabiex jippresenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Artikolu 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti kellha l-opporunita tara u tezmina il-kontijiet bankarji tal-attrici mal-Bank of Valletta (Vide fol 50-229), u l-akkonti bankarji tal-intimat mal-bank HSBC (vide fol 230-281). Apparti dawn l-akkonti mal-imsemmija banek il-kontendenti ma kellhom ebda kont bankarju ma banek ohra f'Malta.

**Kevin Grech, kollega tal-attrici xehed permezz ta' affidavit (vide fol 291 et seq)** u spjega illi huwa jaf lill-attrici ghaliex qieghdin fl-istess ufficju u issa ilu jafha tlett snin. Hu missier ta' erbat itfal u ghalhekk jirrelata hafna maghha. Jistqarr illi l-attrici ghandha karattru ferriehi u ghalhekk jindunaw smeta jkun hemm xi haga hazina. Meta ssemmi lill-intimat tkun imdejqa u tkun emozzjonali hafna. Izid illi dan l-ahhar l-attrici kienet qieghda tfittex xoghol *part-time* ghaliex

mhux tlahhaq mal-ispejjes stante li l-intimat mhux qieghed ihallas manteniment u lanqas sehemu mill-ispejjes. Jispjega illi l-attrici kienet ilha minn Settembru tas-sena l-ohra ma tisma minghand l-intimat u dan minkejja li hi kienet tipprova taghmel kuntatt mieghu b'mod regolari. Illi n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment johloq iktar inkwiet lill-attrici peress illi jkollha toqghod tmur l-ghassa taghmel rapport. Illi x-xhud jixhed illi huwa jaf li l-intimat ghandu Nutrition Shop San Gwann u dana jafu peress li huwa ilu hafna snin jaghmel training u anke gieli gie kliem fuq hekk mal-attrici. Illi jaf ukoll minghand l-attrici illi l-intimat ghad ghandu l-karta tal-identita fuq ir-residenza tal-genituri tal-attrici u filfatt qieghdin il-Qorti fuq dan. Jishaq illi l-attrici qatt ma cahdet lill-ulieda mill-access ma' missierhom, tant li kien hemm drabi li kienet tghaddi ghalih hi stess bil-karozza taghha u kien johorgu f'daqqa.

Milli kienet tirrakonta l-attrici ir-relazzjoni taghha mal-intimat kienet wahda vjolenti u l-attrici kienet izomm dan kollu mistur mill-genituri taghha. Illi huwa anke gieli ra ritratti ta' marki kbar fuq il-persuna tal-attrici. Minkejja li ghaddejja minn zmien difficli, lit-tfal xorta ma kienet ccahhadhom minn xejn izda toqghod lura hi. Bhala kollegi huma jippruvaw jghinuha kemm jistghu u filwaqt li hi tapprezza dak li jaghmlu maghha, ma tabbuzax minnhom u meta xi hadd minnhom jibghatilha xi haga tal-flus, hi dejjem tirritorna dawn il-flus lura. Illi pero' bhala kollegi, meta uliedhom johorgu minn hwejjighom jghadduhom lill-attrici. Izid illi l-attrici ghandha hafna ghajnuna minghand il-genituri taghha, specjalment ommha li zzommilha t-tfal.

**CB, omm l-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 295 et seq)** u tispjega illi l-intimat fil-bidu tar-relazzjoni tieghu ma' bintha kien jghix ghandhom minghajr ebda hlas ta' xejn u kien qiesu is-sinjur, iqum x'hin irrid u kemm il-darba kien jghid lil bintha tohodlu l-ikel fil-kamra tas-sodda. Kien jillarga ta' sikwiet u kemm kien ilu maghhom, kellimha biss tliet darbiet fid-disa xhur li dam jghix ghandha. L-intimat u bintha kienu zzewwgu bic-civil u wara kellhom tliet itfal. Filfatt il-kbir twieled wara li kien ilhom tliet snin mizzewga. Tixhed illi l-minuri ghandom tlett snin, erba' snin u hames snin u jisimhom, N, E u K rispettivament. Meta l-attrici ikollha bzonn tmur taghmel l-inqas qadja, ix-xhud tispjega illi hija tiehu hsieb lit-tfal u ghalkemm huma kemmxejn imqarbin, il-hin li tkun maghhom ikun hin ta' kwalita' man-neputijiet. Kollha ghandhom relazzjoni tajba maghha u hi thobbhom daqs id-dawl t'ghajnejha.

Tirrileva illi bintha u l-intimat kienu ghamlu zmien jghixu l-Libja, fejn l-intimat kellu bicca art tieghu ghalkemm ma tafx jekk ghadhiex ghandu. Hu kellu f'mohhu li jizviluppha sabiex fuqha itellghu d-dar matrimonjali u ghalhekk kienet irassenjat ruhha illi bintha kienet ser titlaq il-Libja. Tishaq illi kien hemm zmien meta terzi kienu infurmaw lil zewgha illi kienu raw lill-intimat ma'

mara ohra fil-karozza, u meta kkonfrontawh, l-intimat kien cahad pero' minn dakinhar 'l hawn, l-intimat ma regghax dahal f'darhom. Izzid illi l-attrici ukoll kellha xi suspetti u darba kienet qaltilha li ratu Ghawdex johrog ic-cilindru ta' wahda mara u anke kienet issib xaghar isfar fuq hwejjgu. Ix-xhud tishaq illi *ciononostante,* l-attrici kienet ghamja fuq l-intimat u hu kien izieghel biha halli tibqa taqdih. Illi fir-rigward finanzi, ix-xhud tixhed illi l-intimat kien ghamel xi perjodu ma jahdimx, u ghalkemm jidhrilha illi kien qabad jahdem fil-gebel jew xoghlijiet ohra manwali, lil bintha u lill-uliedhom kien ihallihom neqsin. Meta ricentement gie ordnat ihallas manteniment fl-ammont ta' EUR 700 kull xahar, hu beda jaghtiha biss EUR 300 bl-iskuza tal-pandemija.

Illi fil-preszent huma ma jafux fejn jinstab l-intimat u ilu madwar erba' xhur ma jibghat flus lill-attrici, u lanqas biss icempel biex ikellem jew jara lit-tfal. Illi anke marru xi marixxalli d-dar b'xi avviz tas-smiegh tal-Qorti. Ix-xhud tishaq illi sa fejn taf hi, l-intimat qatt ma refa' idejh fuq bintha pero' darba kienet rat bhal donnu kien qieghed jaghtiha daqqa b'idejh, izda meta staqsitha dwar dan, bintha kienet cahdet. Omm l-attrici xehdet li gieli rat il-kliem ta' tghajjir li kien jiktbilha fuq il-mobile. Tispjega illi bintha kienet harget tqila meta ghamlu dik is-sena jghixu l-Libja. Illi meta kienet marret ghandhom biex tara lit-tifel, l-intimat kien halliha tistenih sal-10:30 ta' flghaxija. Illi sussegwentement kienu regghu telghu l-Libya biex issir ic-circumcision tal-kbir u bintha nizlet lura tqila bit-tieni wild u l-istorja regghet irrepetit ruhha meta kellha t-tielet wild. Illi fit-tielet tqala bintha kienet indunat li l-intimat kellu wild iehor minn mara ohra u infatti l-eta tat-tieni tifel tal-attrici u ta' dan it-tifel huma vicin ta' xulxin.

**Stephen Cachia rapprezentant Transport Malta xehed nhar l-1 ta' Dicembru 2021** u spjega illi instabet vettura wahda registrata fuq isem l-attrici u li fil-passat ma kellha l-ebda vettura ohra registrata fuq isimha. Jindika ukoll illi fil-prezent m'hemm l-ebda karozzi registrati fuq isem l-intimat, u li fil-passat kien hemm biss karozza wahda registrata fuq isem l-intimat u din giet trasferita lil terzi nhar l-10 ta' Gunju 2021.

**Louis Buhagiar rapprezentant Jobs Plus xehed nhar l-1 ta' Dicembru 2021** u filwaqt li prezenta l-*employment history* tal-attrici, spjega illi ma nstabu l-ebda records fir-rigward l-intimat.

**PC 2276 Mary Grace Farrugia stazzjonata l-ghassa ta' Birkirkara xehdet nhar 1 ta' Dicembru 2021** u spjegat illi instabu 8 rapporti fil-konfront tal-intimat mill-attrici u ezebiet ukoll il-fedina penali tal-intimat. Ix-xhud tikkonferma illi l-maggoranza tar-rapporti jirrigwardaw nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

**L-ispettur Sarah Magri** nhar il-11 ta' Jannar 2022 ppresentat Dok SM1, fedina penali tal-intimat. (vide fol 362).

**Dr Chris Spiteri,** minn Transport Malta nhar il-11 ta' Jannar 2022 ppresenta Dok CS1 rigward il-karozza Peugeot ACB 437, registrata f'isem l-intimat u trasferita fl-10 ta' Gunju 2021 ( vide fol 378).

**Dr Cynthia Tomasuolo rapprezentanta Identity Malta xehdet nhar is-16 ta' Frar 2022** u spjegat illi l-permess ta' residenza tal-intimat gie revokat stante li hu u martu m'ghadhomx jghixu flimkien. Ix-xhud ziedet illi jidher illi d-dipartiment gie mgharraf bis-sitwazzjoni permess ta' korrispondenza. Illi l-permess tieghu gie revokat nhar it-28 ta' Gunju 2019, u li minn naha tad-dipartiment huma m'ghandhom l-ebda informazzjoni fuq jekk l-intimat ghadux Malta jew le.

**Ignatius Ciantar rapprezentant Registru Pubbliku xehed nhar it-22 ta' Marzu 2022,** u pprezenta ic-certifikati tat-twelied tat-tlett itfal tal-partijiet u cioe DOK IC1-IC3, kif ukoll ic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet, DOK IC4.

**Ignatius Ciantar rapprezentant Registru Pubbliku, riprodott nhar l-20 ta' April 2022** ikkonferma illi mir-records tar-Registru Pubbliku kemm f'Malta u Ghawdex, jirrizulta illi m'hemmx aktar tfal registrati fuq isem l-intimat ghajr it-tlieta indikati fix-xhieda precedenti.

**Tommy Mifsud xehed nhar l-20 ta' April 2022,** u spjega illi huwa Direttur tal-kumpanija Speak Out Limited ta' 128 Triq San Bartolomew Qormi u li din il-kumpanija b'negozju ta' xiriu begh ta' karozzi second hand. Illi ghalkemm huwa d-Direttur, jispjega illi huwa Patrick Sammut li jmexxi n-negozju. Jikkonferma illi huwa ma jaf xejn rigward il-vettur in kwistjoni u m'ghandu l-ebda informazzjoni ghar-rigward. Ix-xhud jishaq ukoll illi huwa qatt ma ltaqgha mal-konvenut.

**Patrick Sammut nhar l-20 ta' April 2022 xehed** illi Speak Out Limited hija kumpanija ta' Thomas Mifsud u li filfatt il-permess ta' Qormi Autodealer huwa f'isem Mifsud, illi pero huwa responsabbli mid-day-to-day tan-negozju. Illi essenzjalment Thomas Mifsud huwa s-sid tal-karozzi gialadarba il-permess huwa fuq ismu. B'referenza ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACB 437 tal-ghamla Peugeot 307 Estate, li kienet tal-konvenut, ix-xhud jispjega illi din kienet giet ghandu bi tpartit ma' Peugeot 207 hatchback. Izid illi huwa kien naqqas EUR 500 mill-valur tal-karozza tal-intimat stante illi kellha bzonn xi xoghlijiet u anke kien biddilha l-magna. Illi l-intimat ghandu jaghtihom Eur 3000. Ix-xhud jishaq illi f'wasal punt fejn daqt jaqbad

u johodlu l-karozza lura ghaliex ilu ma jaghmel pagament u li minn Eur 3000 jekk hallas Eur 700. Ix-xhud jindika illi minn informazzjoni li ghandu ghalkemm huwa ilu xi 4 xhur ma jara lill-intimat pero habib tal-intimat certu Sam il-barbier tah il-kuntatt ta' *facebook account* tal-intimat. Illi dan Sam informa lix-xhud illi l-intimat ghandu icempilu. Jispjega wkoll illi l-konvenut kien imur flimkien ma' mara u li din il-mara kienet anke iffirmat il-kuntratt. Mistoqsi jekk jafx min hi din il-mara ix-xhud jindika illi din kienet tkun libsa ilbies tradizzjonali musulman, pero ghandu kopja tal-karta tal-identita' taghha mal-kuntratt.

**L-Ispettur Christian Abela stazzjonat l-Immigration Section xehed nhar l-20 ta' April 2022** u spjega illi skond ir-*records* taghhom**,** il-permess tal-konvenut bhala persuna ezenta gie revokat f'Dicembru 2018. Illi x-xhud jishaq illi jkun iktar ghaqli li dan kollu jigi verifikat mal-Identity Malta stante li bhala sezzjoni huma m'ghandhomx l-informazzjoni kollha. Izid illi minn informazzjoni ohra fil-pussess tieghu jidher illi fid-29 ta' Novembru 2017, huwa telaq minn Malta ghat-Tunisia u m'ghandhomx aktarx *records* dwar possibbli ritorn. Jispjega illi huma jkollhom biss informazzjoni dwar safar barra miz-zona Schengen, illi pero' ix-xhud ma jahsibx illi l-konvenut seta' vvjaga fiz-zona Schengen ghaliex huwa ma kellu dokumentazzjoni li tawtorizzah jaghmel dan u ma jahsibx illi l-konvenut irnexxilu jikseb visa biex jsiefer fl-Ewropa. Ix-xhud jishaq ukoll illi minn informazzjoni li ghandhu jidher illi l-konvenut kien persuna mfittxa minn zewg Spetturi, u cioe Spettur Dorianne Tabone u Spettur Audrey Micallef.

**Patrick Sammut xehed ukoll permezz ta' affidavit** u spjega dakinhar li sar in-negozju mal-konvenut, kien sar pagament ta' EUR 500 filwaqt li l-kumplament tal-bilanc kellu jithallas permezz ta' kambjali. Jispjega illi lill-intimat jafu tramite terzi. Minn dakinhar li sar il-bejgh, l-intimat kien imur darba fix-xahar sabiex jghaddi l-pagament dovut u gieli kienet tkun mieghu l-mara tieghu. Wara sitt pagamenti, l-intimat ma baqax ihallas u ghalkemm kien jipprova jcempilu l-mobile dejjem mitfi. Komunikazzjoni diretta mieghu m'hemmx izda x-xhud qieghed jaghmel kuntatt mieghu tramite din it-terza persuna li hija in komuni.

**L-Ispettur Audrey Micallef mid-DVU xehdet nhar il-11 ta' Mejju 2022,** ikkonfermat illi l-intimat huwa mfittex mill-Pulizija. Tispjega illi f'Gunju tas-sena l-ohra, ix-xhud flimkien mal-Ispettur Dorianne Tabone mill-Vice Squad, kienu qieghdin jiehdu hsieb "joint investigation" li kienet tirrigwarda lill-intimat, u wara diversi tentattivi sabiex jintraccaw lill-intimat, dan baqa ma nstabx, u kienu ghamlu NSL u anke alert request vis-a-vis is-Schengen Information System, u anke fuq livell nazzjonali. Kienu anke habbru li l-intimat huwa persuna "wanted" fuq is-sistema

taghhom. Kienu anke kkonsultaw mal-Avukat Generali fuq jekk ghandux jinhareg *international arrest warrant*, izda kienu gwidati biex f'dana l-istadju, dan ma jinharigx.

**Patrick Bugeja rapprezentant Identity Malta xehed nhar il-11 ta' Mejju 2022**, u filwaqt li esebixxa zewg ittri jispjega illi dawn kienu intbaghtu minn missier l-attrici fejn kien infurmahom illi l-intimat ma kienx ghadu joqghod maghhom. Illi minn hemm, Identity Malta, irrevokat il-*freedom of movement* tal-intimat. Illi wara li din giet revokata, ma kien hemm l-ebda applikazzjoni ohra u m'ghandhom l-ebda informazzjoni fir-rgward ta' jekk l-intimat huwiex Malta o meno.

**L-Ispettur Dorianne Tabone mill-Vice Squad xehdet nhar it-18 ta' Mejju 2022,** u spjegat illi hemm investigazzjoni pendenti fil-konfront tal-intimat li huma kunfidenzjali. Tikkonferma illi kien inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-intimat u li anke hemm diversi arresti fis-sistema taghhom b'dana illi jekk jinstab ikun jista' jigi arrestat immedjatament.

**L-Attrici xehdet nhar it-22 ta' Gunju 2022** u pprezentat sensiela ta' dokumenti u ricevuti relattivi ghall-ispejjes tas-sena skolatiska 2019, dik 2020, 2021 u 2022. Fir-rigward manteniment, l-attrici spjegat illi hija ghamlet rapport ghall-perjodu bejn Frar u Gunju 2022. Illi hemm ukoll il-manteniment dovut ghall-April u Mejju, Gunju, Lulju u Awwissu 2020 – illi ghal dawn il-perjodi ghandu jaghti EUR 300. Illi ma' dawn hemm ukoll manteniment dovut ghall-Settembru u Ottubru 2020 fl-ammont ta' EUR 700. Illi *di piu* hemm Gunju, Lulju Awwissu, Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru 2021, u Jannar tas-sena 2022.

Illi skond id-digriet datat 22 ta' Novembr 2019, l-intimat gie ordnat jivversa s-somma ta' EUR 700 kull erba' (4) gimghat. Tikkonferma illi l-intimat ormai ilu sena ma jara lit-tfal u la jcempilhom u filfatt kienet ghamlet seba' (7) xhur fejn ma setghatx taqbdu bit-telephone. F' Novembru tas-sena 2021 kien battilha messagg b'numru iehor izda x'hin qalilha li kien hu ma regghatx wiegbitu u minn naha tieghu hu ma regax baghatilha. Fir-rigward ir-rapporti esebiti, l-attrici tispjega illi ir-rapporti kienu qieghdin jaqghu peress li ma kienux qed isibiuh u kienu issugerewlha tmur taghmel rapport ghal-hlasijiet kollha tal-manteniment dovuti f'rapport wiehed.

**L-Attrici riprodotta nhar il- 21 ta' Novembru 2022** xehdet illi l-minuri ormai ghandhom sitta (6), hames (5) u erba' (4) snin  u li issa ilha ma tisma minghand zewgha fuq sena u nofs, u cioe minn Gunju tas-sena 2021. L-attrici tishaq illi tahseb li l-konvenut qieghed il-Libja u n-numru telefoniku li pruvat tikkorispondi mieghu fuqu mhuwiex jahdem, stante li qieghda tigi "diverted to voicemail." Illi f'Novembru tas-sena 2021, kienet irceviet messagg tramite *whatsapp* fuq il-

mobile taghha fejn qalilha "sorry" u anke qalilha "help" u meta staqsiet min kien, qalilha li kien hu, u ma kienitx rrispondiet. Illi minn hemmhekk ma regghax kellimha aktar. Illi ukoll fil-birthday ta' binhom il-kbir, kien baghat rota b'delivery. Illi f'dik l-okkazzjoni batilha l-ircevuta permezz ta' messagg u qalilha illi dik kienet ghal Kai tal-birthday. Illi f'dik l-okkazzjoni ma kienx talabha biex ikellem lill-minuri. Illi dan kien fit-22 ta' Marzu 2022. Izzid illi qabel ma telaq minn Malta, diga' kien hemm arretrati ta' manteniment u spejjes, u li sa Jannar 2021 kien hemm EUR 9,100 manteniment dovut, u l-istess ghall-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha.

Mistoqsija mill-Qorti dwar l-ispejjes li hija qieghda tinkorri fir-rigward spejjes ta'sahha u edukazzjoni, l-attrici tispjega illi meta bdew l-iskola hemm spiza ta' Eur 700. Illi l-minuri jmorru ukoll *football*, *gymnastics*, *swimming* u *basketball*, u ghalhekk hemm ukoll dawna l-ispejjes. L-attrici tikkonferma illi l-manteniment li ordnat il-Qorti kien fl-ammont ta' EUR 700 kull erba' gimghat, apparti l-ispejjes. Illi fir-rigward access, il-konvenut kien jarahom kull weekend sakemm kien ghadu Malta, ghalkemm kien hemm okkazzjonijiet fejn ma kienx imur ghalihom. Izzid illi kemm ilu mhux Malta baghtilha rigali ghall-kbir u ghat-tifel tan-nofs imma ghaz-zghir le. Tikkonferma illi hija tghix ma' ommha u tippercepixxi paga ta' EUR 1,300 u tahdem fuq bazi part-time ma' *Serracino* Attard madwar tlieta u erbgha darbiet fil-gimgha skond l-activities tal-minuri u hija ommha li tiehu hsiebhom meta tkun xoghol flghaxija ghand *Serracino.*

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba adulterju, eccessi, minaccji, theddid u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

> ***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

> ***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi***

***tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacific u fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti***

***mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018**, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Gunju 2011 gewwa r-Registru Pubbliku l-Belt Valletta u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti *a fol 424*. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tlett (3) ulied: K li twieled nhar X, E li twieled nhar il-Y u N li twieled nhar il-Y. Illi l-minuri illum ghandhom kwazi X, Y u Z.

Il-Qori rat illi permezz ta' digriet datat 13 ta' Ottubru 2021, *(vide fol 39 et seq)* din il-Qorti ma laqatx il-gustifikazzjoni ghall-kontumacja tal-konvenut u ghalhekk l-intimat huwa kontumaci. Illi l-intimat flimkien mal-avukat difensur tieghu ma regghax attenda udjenza ohra. Illi fl-udejenza tat-22 ta' Gunju 2022 *(vide verbal a fol 458)* din il-Qorti akkordat lill-konvenut il-fakolta li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Artikolu 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta izda huwa baqa inadempjenti. Illi ghalhekk u in vista ta' dan il-fatt, din il-Qorti hija kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi kif diga indikat aktar qabel, il-konvenut huwa kontumaci u ghalhekk din il-Qorti hija kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici. Illi id nil-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti tal-medjazzjoni li in forza tad' digriet datat 25 ta' Frar 2022, l-atti tal-medjazzjoni bin-numru 1067/2019 gew allegati ma' dawna l-atti. Illi din il-Qorti rat ir-ritratti esebiti mill-attrici f'dawna l-proceduri ta' medjazzjoni, rat ukoll it-testimonjanzi ta' ommha, CB

u l-kollega taghha Kevin Grech, liema xhieda hija inkontradetta. Din il-Qorti rat ukoll l-iskambju ta' messaggi bejn il-partijiet, liema messaggi jinsabu esebiti fl-atti tal-medjazzjoni.

Illi mill-provi prodotti, il-Qorti hija moralment konvinta illi huwa l-agir tal-intimat li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet. Illi mit-testimonjanza tal-kollega Kevin Grech u kif ukoll mir-ritratti esebiti fl-atti tal-medjazzjoni, din il-Qorti taghraf illi l-konvenut kien effettivament vjolenti b'mod fiziku kontra l-attrici. Illi ghalkemm din il-Qorti rat illi l-attrici qatt ma ghamlet rapport f'dan is-sens, tifhem illi l-attrici kienet toqghod lura milli taghmel dan sabiex tevita l-inkwiet, partikolarment, sabiex tevita inkwiet zejjed ghall-genituri taghha, kif filfatt jixhed il-kollega taghha, peress illi l-partijiet flimkien ma' uliedhom kienu qieghdin jirrisjedu fir-residenza tal-genituri taghha. Illi ta'relevanza huwa dak li xehdet omm l-attrici fejn stqarret illi: f'okkazzjoni minnhom dehrilha illi rat lill-konvenut bhal donnu kien qieghed jaghti daqqa b'idejh lil bintha, izda meta staqsitha dwar dan, bintha, innegat. Dan fil-fehma konsiderata ta'din il-Qorti, ikompli jikkorabora dak li xehed il-kollega tal-attrici, u cioe li l-attrici kienet izomm dan kollu mistur mill-genituri taghha.

Illi mill-provi mhux kontradetti prodotti mill-attrici din il-Qorti taghraf illi l-intimat huwa ukoll hati ta' adulterju versu martu l-attrici. Din il-Qorti rat illi din ic-certu "Justine" illi l-attrici identifikat kemm fl-atti tal-medjazzjoni u kif ukoll f'dawna il-proceduri hija effettivament prezenti fil-hajja tal-intimat tant li f'skambju ta' messagg minnhom l-intimat jghid lill-attrici illi din Justine qieghda tirrangalu sabiex ikun jista' jmur jirrisjedi gewwa r-Renju Unit maghha. Din il-Qorti rat ukoll illi fl-iskambju ta' messaggi bejn il-partijiet, il-konvenut qatt ma cahad jew innega meta l-attrici tirreferi ghal din il-persuna bhala "your wife". Illi ghalkemm mit-testimonjanza tar-rapprezentant tar-Registru Pubbliku jidher illi m'hemm l-ebda wild iehor registrat fuq isem il-konvenut, din il-Qorti tifhem illi l-identita tal-paternita ta' tifel jew tifla jista jigi facilment mistur billi jitnizzel bhala wild missier mhux maghruf. Illi l-eta ta' dan il-minuri necessarjament tindika illi l-konvenut kellu rapporti intimi ma' dina l-persuna sakemm l-attrici kienet ghadha *gravida* bit-tielet wild tal-partijiet u cioe b'N, meta l-konvenut qabad u abbanduna d-dar matrimonjali.

Fil-kas in ezami, il-Qorti tqis illi l-intimat kien wettaq adulterju u ghaldaqstant ghandu jbati l-konsegwenzi li tali adulterju jgib mieghu. Din l-infedelta' indubjament jfarrak kwalsiasi possibilita' li z-zwieg. Illi kif diga ritenut, huwa ormai pacific u fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika.

Illi maghdud ma’ dan din il-Qorti rat ukoll illi l-intimat naqas mill-obbligu tieghu ta’genitur versu uliedu stante li jirrizulta illi lanqas ndenja ruhu ikompli jrawwem b’xi mod ir-relazzjoni tieghu ma’ uliedu. La kien jarahom u lanqas jikkomunika maghhom u ormai ilu nieqes mill-hajja ta’ uliedu kompletament tul dawn l-ahhar sena u nofs.

Fid-dawl tal-premess, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m’għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante adulterju u offizi gravi da parti tal-intimat.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> *“**Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista’ jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f’kollox jew f’biċċa, id-dispożizzjonijiet ta’dak l-artikolu.**”*

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju jew l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta’ dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b’differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa ħati ta’ adulterju izda mhux ta’ abbandun stante li it-terminu ta’ sentejn mill-abbandun ghadu ma skadiex u jiskadi f’Gunju 2023. Għaldaqstant il-Qorti m’għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa’ t-talba tal-attrici f’dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kollha elenkati f’Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Jirrizulta illi ghajr t-testimonjanzi u dokumentazzjoni esebita mir-rapprezentanti tal-banek lokali u rapprezentanti ta’ Transport Malta ma gew prodotti wisq provi ghal dak li jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti li ghadha vigenti bejn il-partijiet. Illi mix-xhieda ta’ omm l-attrici jirrizulta illi l-partijiet ghajr iz-zmien li ghexu gewwa l-Libja dejjem ghexu maghha u ma’ zewgha. Illi saret ukoll referenza ghal xi artijiet u propjetajiet li l-konvenut jista’ ghandu gewwa l-Libja. Illi din il-

Qorti taghraf illi ma ngabet ebda prova konkreta ta' dawn l-assi u jekk ai termini tar-regimes matrimonjali applikabbli gewwa l-Libja l-attrici ghandhiex xi jedd spettanti fuq dawna l-assi li l-konvenut allegatament ghandu jew setgha kellu. Illi l-istess jinghad ghan-negozju/hanut tal-konvenut bl-isem FitMass. Illi ma ngabu l-ebda prova fir-rigward ta' jekk il-propjeta minn fejn jopera jew kien jopera l-konvenut tappartjeniex lill-partijiet jew kienetx qieghda ghand il-partijiet taht titolu ta' kera. Illi lanqas ma ngabu provi ta jekk effettivament dan in-negozju ghadux jopera u x'inhu jrendi mill-operat tieghu.

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tikkonsidra biss l-assi li dwarhom ingabu provi oggettivi u konkreti.

Illi l-Qorti rat illi l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:

1. Kontijiet Bankjarji
2. Vetturi

Illi din il-Qorti rat illi l-attrici ghandha kontijiet bankarji intestati f'isimha u hemm ohrajn li jidhru li infethu bl-iskop li l-attrici tfaddal xi haga tal-flus ghat-tlett minuri uliedha, mal-Bank of Valletta. Illi jidher ukoll illi fit-tlett kontijiet intestati f'isem il-minuri jidher illi l-attrici iddepozitat il-flus li kien baghtilha l-intimat f'gheluq snin il-minuri. Illi fir-rigward il-konvenut din il-Qorti rat illi l-konvenut kellu kontijiet bankarji mal-HSBC fejn il-kont bin-numru 065-027195-050 inghalaq fil-11 ta' Marzu 2017. Illi l-istess jista jinghad ghall-kont bin-numru 065-027195-051 li inghalaq fil- 5 ta' Lulju 2016. Illi fid-dawl ta' tali konsiderazzjonijiet din il-Qorti tqis illi l-kontijiet bankarji intestati f'isem l-attrici ghandhom jigu assenjati lill-istess, b'dana illi dawk intestate fuq isem l-intimat ghandhom jigu assenjati lill-istess intimat. Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li jkun assumiha.

Il-Qorti taghraf di piu', illi d-dokumentazzjoni esebita mix-xhud Patrick Sammut fir-rigward il-vettura li l-konvenut jidher li partat ma' vettura ohra propjeta ta' Qormi Autodealer *a fol 432 et seq* tal-atti, mhiex id-dokumentazzjoni relattiva ghall-vettura li kienet propjeta tal-konvenut, u lanqas mhi dokumentazzjoni relattiva ghall-partijiet. Illi mill-kopji tal-ID cards esebiti a fol 436 tal-atti, din il-Qorti taghraf illi effettivament ix-xbieha u d-dettalji tal-persuni indikati mhumiex il-partijiet.

Illi fir-rigward il-vetturi, din il-Qorti rat illi skond id-dokumentazzjoni esebita mir-rapprezentanti ta' Transport Malta jidher illi hemm vettura tal-ghamla Mazda Demio bin-numru ta' registrazzjoni LCT 309 registrata f'isem l-attrici. Illi din il-Qorti tordna illi din il-vettura ghandha tigi assenjata lill-attrici b'mod esklussiv. Ill fir-rigward il-vettura tal-ghamla Peugeout bin-numru ta' registrazzjoni ACB 437, mid dokumentazzjoni a fol 306 et seq jidher illi l-konvenut ghamel trasferiment tal-imsemmija vettura nhar l-10 ta' Gunju 2021 u m'ghadux is-sid tal-istess. Illi ghal kull buon fini din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li ghad fadal xi bilanc dovut lil terzi fir-rigward ta' din il-Vettura u/jew vettura ohra li kien qieghed jaghmel uzu minnha l-intimat jew li akkwista l-intimat, dan il-bilanc ghandu jkun a karigu esklusisv tal-intimat.

`

***Kura u Kustodja ta' ulied il-partijiet***

F'dan ir-rigward l-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri ahwa A.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[2] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta***

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

> ***materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[3]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha***

---

[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha.***

---

[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

> ***Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[10] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Wara li din il-Qorti qieset l-attagjament tal-intimat tul iz-zwieg u sussegwenti tal-firda, kemm versu martu u kif ukoll dak versu uliedu rat illi l-intimat mhuwiex persuna affidabbli u ghalhekk din il-Qorti tqis illi jkun fl-ahajr interess tal-minuri ahwa A li l-attrici omm tkun vestita bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, b'dana illi l-attrici omm hija awtorizzata li tiehu kwalsiasi decisjoni relatata mal-minuri wahedha minghajr il-htiega li tinforma jew li tiehu l-kunsens tal-intimat.

Fir-rigward tal-access, din il-Qorti tqis illi gialadarba din il-Qorti hija sprovvista minn informazzjoni dwar jekk l-konvenut ghadux Malta jew le, fic-cirkostanzi ma tqisx illi ghandha tiffissa access favur il-konvenut.

***Manteniment ghal ulied il-partijiet:***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

[10] Enfazi tal-Qorti.

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***"…….l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Illi din il-Qorti rat illi mori tal-medjazzjoni din il-Qorti kif diversament preseduta permezz ta' digriet datat 22 ta' Novembru 2019 ordnat lill-intimat jivversa s-somma ta' seba mitt euro (€700) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri, u dana oltre nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Illi din il-Qorti tqis illi l-manteniment ordnat huwa wiehed adegwat u ghalhekk tordna illi l-intimat ghandu jibqa' jivversa tali somma bhala manteniment ghat-tliet uliedu. Illi pero' u tenendo conto illi l-intimat kienet qieghda tkun difficli ghall-attrici sabiex tintracca lill-intimat din il-Qorti tqis illi jkun ghalqli illi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari ghandha tkun pre-likwidata.

Illi din il-Qorti rat illi l-minuri ghandhom diversi attivitajiet extra-kurrikulari bhal *swimming, gymnastics* u *football.* Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jigi ordnat jivversa s-somma globali ta' elf euro (€1,000) fix-xahar liema somma tinkludi ukoll sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Illi dana l-ammont ghandu jigi vversat direttament f'kont bankarju indikat mill-attrici wara li dan jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi benefficji socjali li jista' talvolta jkun qieghed jippercepixxi, u liema ammont ghandu jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Illi dana l-manteniment ghandu jibqa jigi vversat sakemm l-istess minuri ahwa A jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena, fl-eventwalita' li l-istess jibqghu jistudjaw u ma jahdmux fuq bazi full-time.

Illi fir-rigward l-arretrati ta' manteniment u spejjes dovuti din il-Qorti rat illi hemm manteniment dovut li jirrisali ghas-sena 2020. Illi din il-Qorti rat illi id-digriet ta' din il-Qorti diversament

preseduta inghata fis-sena 2019 u ghalhekk tordna illi l-intimat ghandu jhallas l-arretrati tal-manteniment mid-data tat-22 ta' Novembru 2019 sad-data ta' din is-sentenza fl-ammont ta' EUR 700 kull erba gimghat hekk kif ordnat minn din il-Qorti kif diversament preseduta. Illi fir-rigward tal-ispejjes din il-Qorti rat illi l-attrici prezentat sensiela ta' ricevuti fir-rigward tal-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari li jirrisalu ghas-sena 2019. Illi mill-konteggi ta' din il-Qorti jirrizulta illi hemm l-ammont ta' EUR 4882.64 li ghadu pendenti u din il-Qorti taghraf illi certament hemm ammont hafna ikbar minn dan li possibbilment huwa dovut. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna illi l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' erbghat elef, tmien mija, tnejn u tmenin euro, erbgha u sittin centezmu (€4882.64) lill-attrici, rapprezentanti arretrati dovuti minn sehem l-intimat ghall-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.

***Manteniment ghall-Attrici:***

Il-Qorti rat illi l-attrici flimkien mat-talba ghall-manteniment ghal ulied il-partijiet, resqet talba ghal manteniment ghaliha. Illi din il-Qorti ma tqisx illi tali talba hija flokha specjalment in vista tal-fatt li l-attrici fil-present ghandha impieg fuq bazi full-time. Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tichad tali talba.

Illi pero' din il- Qorti jidhrilha illi ghandha tirriserva d-dritt tal-attrici li hija ddur fuq zewgha ghall-manteniment f'kaz li ma tkunx tista' tahdem jew titlef l-impjieg taghha u dana fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fir-rigward tar-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg, attribwibbli esklussivament lill-konvenut.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri ahwa A esklussivament lill-attrici omm, b'dana illi l-minuri ghandhom ikomplu jirrisjedu mal-omm. Illi din il-Qorti tawtorizza lill-attrici omm tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura**

**ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma, kunsens jew presenza tal-konvenut;**

3. **Tilqa' it-tielet talba attrici u tordna lill-intimat jivversa s-somma ta' elf euro (€1,000) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri ulied il-partijiet liema ammont ghandu jigi vversat f'kont bankarju indikat mill-istess attrici wara li dan jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li jista' talvolta jkun qieghed jippercepixxi, u liema ammont ghandu jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Illi dana l-manteniment ghandu jibqa jigi vversat sakemm l-istess minuri jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena, u dana fl-eventwalita' li l-istess jibqghu jistudjaw u ma jahdmux full-time. Illi din is-somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes edukattivi, dawk ta'sahha u kif ukoll dawk extra-kurrikulari tat-tlett itfal. Illi di piu din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas l-arretrati tal-manteniment mid-data tat-22 ta' Novembru 2019 sad-data ta' din is-sentenza fl-ammont ta' EUR 700 kull erba gimghat hekk kif ordnat minn din il-Qorti kif diversament preseduta. Illi ukoll tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' erbghat elef, tmien mija, tnejn u tmenin euro, erbgha u sittin centezmu (€4882.64) lill-attrici, rapprezentanti arretrati dovuti minn sehem l-intimat ghall-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.**

4. **Tichad ir-raba talba stante li l-attrici ghandha impieg fuq bazi full-time, izda dini il-Qorti qieghda tirriserva d-dritt tal-attrici li hija ddur fuq zewgha ghall-manteniment f'kaz li ma tkunx tista' tahdem jew titlef l-impjieg taghha u dana fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fir-rigward tar-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg, attribwibbli esklussivament lill-konvenut**.

5. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba stante li din giet indirizzata fid-decide numru 3;**

6. **Tilqa' is-sitt talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

i. **Illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti u dana fi zmien xahar mil-lum.**

ii. **Rigward kontijiet bankarji, din il-Qorti tordna:**

   a. **Fir-rigward tal-kontijiet bankjari intestati fuq isem l-attrici, din il-Qorti tassenja l-istess kontijiet lill-attrici, u bl-istess mod tassenja dawk il-kontijiet bankjarji intestati fuq isem il-konvenut lill-konvenut.**

   b. **Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta tkun assumiet, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li tkun assumitha.**

iii. **Illi fir-rigward il-vetturi, din il-Qorti tassjena l-vettura tal-ghamla Mazda Demio bin-numru ta' registrazzjoni LCT 309 lill-attrici b'mod esklussiv.**

**Illi ghal kull buon fini din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li ghad fadal xi bilanc dovut lil terzi fir-rigward tal-vettura tal-ghamla Peugeout bin-numru ta' registrazzjoni bin-numru ACB 437 din il-Vettura u/jew vettura ohra li kien qieghed jaghmel uzu minnha l-intimat jew li akkwista l-intimat, dan il-bilanc ghandu jkun a karigu esklusisv tal-intimat.**

7. **Tichad is-seba talba stante li ma ngabu l-ebda provi ghar-rigward;**

8. **Tilqa' it-tmien talba u tordna illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti**

**entro xahar mid-data ta' din is-sentenza;**

9. **Tilqa' id-disa' talba u tapplika kontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

10. **Tilqa' l-ghaxar talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat nomine izda provizorjament qed jigu allokati lill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**